

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/211****tat-12 ta' Frar 2016****dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (id-disa' FEŻ) għas-sena finanzjarja 2014**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 <sup>(1)</sup> u emendat bil-Ftehim iffirmit fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Finanzjament u l-Amministrazzjoni tal-Għajnunata Komunitarja taħt il-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha iffirmit f'Cotonou (Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000 u l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat KE <sup>(3)</sup> ("il-Ftehim Intern") li jstabbilixxi, fost oħrajn, id-disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp (id-disa' FEŻ), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għad-Disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 96 sa 103 tiegħu,

Wara li eżamina l-kont tad-dħul u tal-infiq u l-karta tal-bilanċ relatati mal-operazzjonijiet tad-disa' FEŻ kif kienu fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-tmien, id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ) li jikkonċernaw is-sena finanzjarja 2014, flimkien mat-tweġibiet tal-Kummissjoni li jinsabu fir-Rapport Annwali <sup>(5)</sup>,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 32(3) tal-Ftehim Intern, il-kwittanza għall-amministrazzjoni finanzjarja tad-disa' FEŻ għandha tingħata lill-Kummissjoni mill-Parlament Ewropew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.
- (2) L-implimentazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni tal-operazzjonijiet tad-disa' FEŻ matul is-sena finanzjarja 2014 kienet sodisfaċenti,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Parlament Ewropew jagħti lill-Kummissjoni kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tad-disa' FEŻ għas-sena finanzjarja 2014.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2016.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J.R.V.A. DIJSSELBLOEM

<sup>(1)</sup> ĠUL 317, 15.12.2000, p. 3.<sup>(2)</sup> ĠUL 209, 11.8.2005, p. 27.<sup>(3)</sup> ĠUL 317, 15.12.2000, p. 355.<sup>(4)</sup> ĠUL 83, 1.4.2003, p. 1.<sup>(5)</sup> ĠU C 373, 10.11.2015, p. 289.